## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## KUMP. NRU. 490/2021: IL-PULIZIJA (SPETTUR LYDON ZAMMIT U SPETTUR STEPHEN GULIA) V. TONY ARMANDO ZAHRA (KI. 72688M) U JOSEPHINE GRIXTI (KI. 534265M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**11 ta' Lulju 2022**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Tony Armando Zahra, ta' 46 sena iben Freddie Alfred u Elizabeth Frances xebba Craig, imwieled fil-21 ta' Lulju 1975 ġewwa l-Ingilterra, detentur tal-karta tal-identità numru 72688M u residenti 22, Frankfurt, Flat 4, Triq il-Kavetta, San Pawl il-Baħar ("l-imputat Zahra") u kontra Josephine Grixti, ta' 55 sena, bint Mary Oliva, imwielda fl-14 ta' Novembru 1965 ġewwa Pietà, detentriċi tal-karta tal-identità numru 534265M u residenti 60, Flat 6, Triq l-Isptar, Valletta ("l-imputata Grixti), flimkien imsejjħa l-imputati:

1. Talli fl-4 t'Awwissu 2021 għal ħabta ta' bejn l-10:40Hrs u 11:00Hrs ta' filgħodu ġewwa Il-Gnien il-Kunsill ta' l-Ewropa li jinsab fix-Xatt ta' Xbiex, Ta Xbiex u fl-inħawi tal-madwar, ikkommettew serq ta' flus kontanti minn fuq l-persuna ta' [redacted], liema serq huwa aggravat bil-vjolenza għad-dannu tal-istess [redacted].

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi bil-ħsieb li jestorcu flus jew xi ħaga oħra, jew li jagħmlu xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħlu lil persuna oħra u cioe' lil [redacted], esegwixxew, iddistruġġew, qallbu, jew biddlu testment jew

obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew għamlu jew naqsu milli jagħmlu xi ħaġa, heddew li jagħmlu denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil dik il-persuna jew persuni oħra.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil [redacted], kontra l-volonta' tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg ohra u/jew biex ikun mġiegħhel jaccetta li jagħmel xi trasferiment ta hwejjġu;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi inġurjajtu jew heddidtu lil [redacted] u / jew persuni oħra.

5. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u cirkostanzi irrendew ruħhom ricedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra l-imputat Zahra waħdu:

1. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew igħarraq ħwejjeg mobbli jew immobbli u liema ħsara ma jkunx jiskorri elfejn uħames mitt euro (2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (250), u dan għad-dannu ta' [redacted].

2. Fil-5 ta' Awwissu 2021 u fil-ġranet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ġarr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu licenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra l-imputata Grixti waħedha:

1. Talli fl-4 t'Awwissu 2021 bejn l-10:00 Hrs u 11: 30Hrs ta' filgħodu ġewwa Il-Gnien il-Kunsill ta' l-Ewropa li jinsab fix-Xatt ta' Xbiex, Ta Xbiex u fl-inħawi tal-madwar, f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku tlajjajt jew għamilt biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Doreen Clarke LLD datata 15 ta' Dicembru 2014 li bih tatha il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet.

wara li rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

wara li rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati,

wara li rat illi rat li fis-seduta tas-6 ta' Awwissu 2021, meta l-imputati kienu tressqu taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja, sar l-eżami tagħhom u t-tnejn wieġbu li ma' kienux ħatja[1],

wara li qrajt it-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti u fliet id-dokumenti li ġew ippreżentati,

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-Ordni tal-STO Prim Imħallef datata 7 ta' Frar 2022[2],

wara li rat illi kemm il-Prosekuzzjoni u kif ukoll id-Difiża ddikjaraw fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2022 li kienu qed jeżentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda mill-ġdid[3],

wara semgħet ix-xhieda li ġew prodotti quddiemha mid-data tal-assenjazzjoni 'l quddiem u fliet id-dokumenti ppreżentati inkluż il-fedina penali tal-imputati,

wara li rat illi fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2022 l-imputata Grixti rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontriha,

wara li rat li l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u tagħta ftit taż-żmien, ċioe sas-seduta sussegwenti, biex jekk trid terġa' lura minnha u dan wara li jkollha l-opportunita li terġa tikkonsulta mal-avukat tagħha,

wara li rat illi fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2022 l-imputata Grixti ikkonfermat li kienet qed iżżomm ferm fuq l-ammissjoni tagħha għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontriha,

wara li rat illi fl-istess seduta, u ċioe dik tas-27 ta' Ġunju 2022, l-imputat Zahra rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih,

[1] Fol 67-68
[2] Fol 374
[3] Fol 382

wara li rat illi l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u tatu ftit taż-żmien, ċioe madwar siegħa, biex jekk irid jerġa' lura minnha u dan wara li jkollu l-opportunita li jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu,

wara li rat illi l-kawża ġiet posposta għal dak il-għan u meta reġgħet issejħet l-imputat Zahra kkonferma li kien qed iżomm ferm fuq l-ammissjoni tiegħu għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih,

wara li l-ammissjonijiet tal-imputati ġew irreġistrati, din il-Qorti ġiet awtomatikament ikkonvertita f'waħda ta' Ġudikatura Kriminali u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-5 ta' Lulju 2022,

wara li semgħet it-trattazzjoni fuq il-piena magħmula:

- għan-nom tal-Prosekuzzjoni mill-Ispettur Stephen Gulia u mill-Ispettur Lydon Zammit
- għan-nom tal-imputat Zahra mill-Avukat Dr. Benjamin Valenzia,
- għan-nom tal-imputata Grixti mill-Avukat Dr. Jason Grima,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputati taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja fis-seduta tas-6 ta' Awwissu 2021 meta dakinhar it-tnejn wieġbu li m'humiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom wara li sarilhom l-eżami skond il-liġi.

2. Fit-2 ta' Settembru 2021 l-istess Qorti għalqet il-kumpilazzjoni wara li ddeċidiet li kien hemm raġunijiet biżżejjed sabiex tibgħat l-imputati biex jitqegħdu taħt Att t'Akkuża u ordnat li l-atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien stipulat.[4]

3. Minn dakinhar l-atti bdew jintbagħtu lura mill-Avukat Ġenerali lill-Qorti Istruttorja sabiex tisma' xhieda oħra u din min-naħa tagħha kienet perjodikament skond il-liġi tirrinvija l-atti lura lill-Avukat Ġenerali wara li tkun għamlet jew ma' tkunx għamlet dak li jkun talabha l-istess fin-nota tar-rinviju tiegħu.
4. L-ammissjonijiet tal-imputati Grixti u Zahra ġew irreġistrati aktar minn għaxar xhur u nofs wara li tressqu l-ewwel darba taħt arrest sabiex iwieġbu għall-imputazzjonijiet kontra tagħhom u għalhekk ċertament bl-ebda mod ma' jistgħu

[4] Fol 204

jitqiesu bħala li huma bikrija. Fil-frattemp infatti l-Prosekuzzjoni ressqet il-provi kollha li kellha tressaq u l-esperti maħtura mill-Qorti laħqu qdew l-inkarigu mogħti lilhom u ppreżentaw ix-xogħol tagħhom.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**

5. Mill-fedina penali tal-imputati joħroġ illi t-tnejn li huma ormai jistgħu jiġu meqjusa bħala *habitual offenders* u filfatt iqattgħu iżjed żmien ġewwa l-ħabs milli barra fis-soċjetà. Hija tassew ħasra li l-Qorti ma' tara l-ebda xaqq ta' dawl li xi darba xi ħadd minnhom ikun jista' jerġa jaqbad it-triq it-tajba. Iż-żewġ imputati ġew misjuba ħatja ta' reati konnessi ma' serq għal aktar minn tlett darbiet kull wieħed u għalhekk il-Qorti għandha l-fakolta' li saħansitra żżid il-piena applikabbli bi tlett gradi taħt l-Art. 289(1) tal-Kap. 9.

6. Tenut kont il-fatturi u ċ-ċirkustanzi fuq imsemmija l-Qorti tara li tkun qed tilħaq bilanċ bejn l-interessi tal-imputati u tas-soċjetà in ġenerali jekk il-piena ta' karċerazzjoni effettiva tkun waħda illi tkun 'l fuq mill-minimu kontemplat fil-liġi però sostanzjalment inqas mill-piena massima li tista' tiġi applikata.

7. Fir-rigward tal-imputata Grixti u senjatament dwar l-imputazzjoni ta' ksur tal-kundizzjoni tal-ħelsien mill-arrest mogħti lilha fil-15 ta' Diċembru 2014 mill-Onorabbli Maġistrat Doreen Clarke[5], il-Qorti tara li bis-saħħa ta' emendi riċenti hija għandha s-setgħa li tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat *in parte* u mhux fl-interita' tiegħu u hija għalhekk ser tordna illi l-imputata titlef biss l-ammont ġia depożitat u mhux ukoll l-ammont li ntrabtet bih taħt garanzija personali.

**Deċiżjoni**

8. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti fil-liġi (Kap. 9 Art. 17, Art. 31(1), Art. 261(a), Art. 262(1)(a), Art. 275, Art. 250(1), Art. 86, Art. 87(1)(c), Art. 339(e), Art. 49, Art. 50, Art. 289, Art. 325(1)(b) u Kap. 480 Art. 6, Art. 51(7), Art. 56 fil-konfront tal-imputat Zahra, u Kap. 9 Art. 17, Art. 31(1), Art. 261(a), Art. 262(1)(a), Art. 275, Art. 250(1), Art. 86, Art. 87(1)(c), Art. 339(e), Art. 49, Art. 50, Art. 289, Art. 579(2) u Kap. 63 Art. 7(2) fil-konfront tal-imputata Grixti) qed tiddisponi minn din il-kawża billi:**

[5] Fol 87

1. **issib lill-imputati ħatja, fuq ammissjoni tagħhom stess, tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom iżda tagħżel illi ma' tapplikax żieda fil-grad tal-piena minkejja li huma reċidivi skond il-liġi;**

2. **fir-rigward tal-imputat Zahra:**

   i. **tikkundannah għall-piena karċerarja ta' tlett snin u nofs u għall-ħlas tal-multa ta' €116.47;**
   ii. **tordna l-konfiska tal-arma regolari ossia' s-sikkina li ntużat fir-reat;**
   iii. **toħroġ fil-konfront tiegħu Ordni ta' Kumpens ai termini tal-Art. 15A(1) a favur *omissis* u dan billi tordnalu iħallsu s-somma ta' €253[6] bħala kumpens għall-ħsara fin-nuċċali tiegħu. Din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

3. **fir-rigward tal-imputata Grixti:**

   i. **tikkundannaha għall-piena karċerarja ta' tlett snin u nofs;**
   ii. **tordna li l-ammont ta' €500 depożitat mill-imputata bħala garanzija li ġie stabbilit minn din il-Qorti fid-digriet tagħha tal-ħelsien mill-arrest datat 15 ta' Diċembru 2014 jiġi kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta.**

4. **toħroġ Ordni ta' Trażżin ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 kontra l-imputati a favur *omissis* għall-perjodu ta' tlett snin b'dan illi l-imputati qed jiġu pprojbiti milli javviċinaw jew b'xi mod isegwu l-movimenti ta' *omissis,* jaċċedu ġewwa fond fejn *omissis* jgħix, jaħdem jew jiffrekwenta jew jikkuntattjaw direttament jew indirettament jew jimmolestaw lil *omissis.* Il-Qorti spjegat lill-imputati li jekk mingħajr skuża raġonevoli jiksru xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqhom f'din l-Ordni huma jkunu ħatja ta' reat u jistgħu jeħlu, meta jinstabu ħatja, multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien. Il-Qorti tordna li din l-Ordni tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.**

---

[6] Fol 86

5. **tikkundanna ukoll lill-imputati *in solidum* sabiex ai termini tal-Art. 533 tal-Kap. 9 iħallsu lir-Reġistratur dawk l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-esperti maħtura mill-Qorti a u cioe' l-ispejjeż konnessi mal-inkarigu ta' Dr. Katya Vassallo ammontanti għal € 62.29 u dawk konnessi mar-relazzjoni ta' Keith Cutajar ammontanti għas-somma ta' € 1,819.64.**

**Fuq xewqa tal-imputati stess il-Qorti qegħda tirrakkomanda lis-CEO tal-Aġenzija Għas-Servizzi Korrettivi sabiex jidderieġi lill-imputati għall-*assessment* relattiv bil-għan li dawn ikunu jistgħu jibdew programm ta' riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga.**

**Finalment il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja *scanned* tal-atti inkluż ta' din is-sentenza.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur